# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2008

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

| **IR-RABA' SENA** | **RELIĠJON** | **Ħin: Siegħa u nofs** |
|---|---|---|

**Isem:** ________________________ **Klassi:** ___________

**Taqsima A** **(30 marka)**

**Wieġeb f'sentenzi sħaħ dawn il-mistoqsijiet.**

1. Għid għaliex ir-reliġjon hija importanti għall-ħajja tal-bniedem. Agħti **żewġ** raġunijiet.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________ (4)

2. Semmi **żewġ** reliġjonijet kbar li m'humiex Insara.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________ (2)

3. Għaliex aħna għandna nuru rispett lejn kull reliġjon?

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________ (4)

4. Liema familja reliġjuża waqqaf il-Beatu Charles de Foucauld biex tkun ta' servizz lejn il-fqar l-iżjed magħkusa u mitluqa?

_______________________________________________________________

_______________________________________________________ (2)



5. Liema ġrajja importanti jirrakkonta l-ktieb ta' l-Eżodu fl-Antik Testment?

_______________________________________________________

_______________________________________________________ (2)

6. Żmien l-Eżilju kien żmien ta' tbatija għall-poplu Lhudi. Għid għaliex.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________ (4)

7. Għaliex lill-Knisja ta' Ġesù nsejħulha 'Knisja Appostolika'?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

8. Agħti t-tifsira ta' 'Knisja Kattolika'.

______________________________________________

______________________________________________ (2)

9. Semmi **żewġ** kwalitajiet li l-aktar jolqtuk fil-persuna ta' Ġesù:



   i. bħala bniedem: ______________________________

   ______________________________________________

   ii. bħala Alla: ______________________________

   ______________________________________________ (4)

10. Semmi **żewġ** parabboli li Ġesù qal biex ixebbah il-Knisja tiegħu.

   i. ______________________________________________

   ii. ______________________________________________ (4)

**Taqsima B** **(10 marki)**

Semmi:

1. **Erba'** dnubiet li qed jagħmel il-bniedem tal-lum kontra l-ħolqien.

   i. ______________________________________________

   ii. ______________________________________________

   iii. ______________________________________________

   iv. ______________________________________________ (4)

2. **Żewġ** persuni li biddlu ħajjithom wara li ltaqgħu ma' Ġesù.

   i. ____________________ ii. ____________________ (2)

3. **Żewġ** reliġjonijiet li jaduraw Alla wieħed.

   i. ____________________ ii. ____________________ (2)

4. **Żewġ** wegħdiet li għamel Alla lil Abraham.

i. ______________________________________________

ii. ______________________________________________ (2)

**Taqsima Ċ** **(5 x 4 = 20 marka)**

Ikteb **żewġ** sentenzi biex turi l-importanza ta' dawn il-personaġġi tat-Testment l-Antik.

1. Abraham

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2. Ġużeppi, bin Ġakobb

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

3. Mosè

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

4. David



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

5. Il-Profeti

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**Taqsima D** **(20 marka)**

Wieġeb, **f'mhux inqas minn 80 kelma**, **WAĦDA** minn dawn iż-żewġ mistoqsijiet.

1. Fil-Ġenesi nsibu r-rakkont tal-ħolqien tad-dinja u tal-bniedem.

   (a) Ikteb fi kliemek **wieħed** minn dawn ir-rakkonti. (10 marki)
   (b) X'messaġġ ried jagħtina Alla f'dawn ir-rakkonti. (10 marki)

**JEW**

2. Fl-Eżodu naqraw kif Alla ħareġ lill-poplu Lhudi mill-Eġittu u għenu jasal f'Kanghan (l-Art Imwiegħda).

   (a) Ikteb fi kliemek il-ġrajja ta' kif ħarġu mill-Eġittu. (10 marki)
   (b) X'nitgħallmu fuq Alla tagħna minn din il-ġrajja. (10 marki)

**Taqsima E** **(20 marka)**

Wieġeb, **f'mhux inqas minn 80 kelma**, **WAĦDA** minn dawn iż-żewġ mistoqsijiet.

1. Ġesù wera ħniena kbira mal-midinbin.

   (a) Ikteb fi kliemek il-ġrajja meta Ġesù ltaqa' ma' xi midneb (Żakkew, Levi, l-adultera). (8 marki)
   (b) X'talab Ġesù mill-midneb? (4 marki)
   (ċ) X'irridu nagħmlu aħna biex jinħafrulna dnubietna? (8 marki)

**JEW**

2. "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi."

   (a) Ikteb il-ġrajja ta' l-Aħħar Ċena ta' Ġesù ma' l-Appostli tiegħu. (8 marki)
   (b) Semmi ż-**żewġ** sagramenti li waqqaf Ġesù dakinhar. (4 marki)
   (ċ) Kif għandek tipprepara ruħek biex tirċievi l-Ewkaristija? (8 marki)